# WIRT ARKEOLOĠIKU FIL-MOSTA U MADWARHA

**(c. 5,000 Q.K. – 870 W.K.)**

*Michael A. Sant, B.A., B.A.(Hons), M.A.*

Il-ġrajja tal-bniedem fuq dawn il-gżejjer tibda madwar 7000 sena ilu meta bdiewa taż-Żmien Neolitiku, taż-Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar, qasmu r-roqgħa baħar bejn Sqallija u Malta u twebblu jibqgħu jgħammru hawnhekk. Matul l-elfejn u ħames mitt sena li ġew wara Malta qdiet biss il-ħtieġijiet basiċi tal-bniedem-bidwi. Iżda l-kuntatti bejn Sqallija u Malta ma naqsux: minn Sqallija l-bidwi Malti ġab l-ewwel żrieragħ, għodod tal-ġebel u annimali domestiċi u baqgħu ġejjin idejat ġodda għall-għamla u t-tiżjin tal-fuħħar. L-ewwel żmien tal-preistorja Maltija (c. 5000 – 4100 Q.K.) jħaddan il-fażijiet kulturali hekk imsejħa ta' Għar Dalam, Skorba l-Griża u Skorba l-Ħamra.

Fit-tieni żmien tal-preistorja Maltija (c. 4100 – 2500 Q.K.) insibu żewġ ħwejjeġ li jixhdu żviluppi kulturali – l-użu metallurġiku tar-ram (li madankollu f'Malta ma nstabx) u l-bini ta' mqades megalitiċi bħal dawk tal-Ġgantija u ta' Ħaġar Qim li għadhom jgħaġġbuna sal-lum. F'dal-perjodu nqiegħdu l-fażijiet ta' Żebbuġ, Mġarr, Ġgantija, Saflieni u Tarxien.

Wara dan, il-bniedem għeb għal xi żmien – u ma nafux għaliex – mill-gżejjer Maltin. In-nies li reġgħu għammru lil Malta madwar 2500 sena Q.K. kienu tgħallmu jużaw il-bronż – għalhekk ngħidulhom ta' Żmien il-Bronż – iżda kulturalment, fil-bini ta' mqades u fil-għamla u t-tpinġija tal-fuħħar, kienu nferjuri ħafna għal ta' qabilhom. X'aktarx kienu huma li ħaffru l-kanali tar-roti, żgur li bnew 'dolmens' u menhirs', iżda ftit nafu aktar dwarhom ħlief li għexu f'biża' ta' ġlied u taqbid kif jixhdu l-imkejjen ta' difiża naturali li għammru fihom, bħal, ngħidu aħna, Borg in-Nadur, in-Nuffara u l-Baħrija. Żmien il-Bronż (c. 2500 – 700 Q.K.) iħaddan fih il-fażijiet kulturali taċ-Ċimiterju ta' Tarxien, Borg in-Nadur u l-Baħrija.

Il-millenju ta' qabel Kristu ra fl-aqwa tagħhom il-qawwiet tal-Greċja u tal-Feniċja. Ma nafux għaliex il-Griegi qatt ma għamlu Malta kolonja tagħhom bħal ma għamlu nħawi oħra fi Sqallija. Li nafu żgur hu li l-Feniċi dan għamluh u għal għanijiet kummerċjali. Għamluh ukoll warajhom in-nies ta' Kartaġni, belt li kienu waqqfu l-istess Feniċi. Dan hu ż-żmien Feniċju-Puniku li mis-sena c. 700 Q.K. iwassalna sas-sena 218 Q.K. meta għandna xhieda miktuba li Malta għaddiet taħt il-qawwiet Rumani fit-Tieni Gwerra Punika. Minn issa 'l quddiem il-gżejjer Maltin saru kolonja Rumana u jagħmlu sehem mill-provinċja ta' Sqallija. Kien beda għalihom żmien twil ta' "Pax Romana" u ta' xi ftit ta' prosperità. Kien żgur żmien ta' kultura mħallta, dik Griega-Punika-Rumana u żmien meta t-tliet ilsna kienu jinstemgħu fost in-nies ta' dawn il-gżejjer.

Dil-qagħda tidher li damet bla wisq tibdil sas-sitt seklu W.K. meta Malta, flimkien ma' Sqallija, bdiet tagħmel sehem mill-Imperu tal-Lvant. Dan hu żmien il-Biżantini, żmien wisq mudlam għalina u li qajla nafu xejn dwaru. L-arkeoloġija biss tista' titfa' xi raġġ dawl fuq dan iż-żmien. Hu perjodu li jtul sas-sena 870 W.K. meta l-gżejjer Maltin intrebħu mill-Għarab Aglabiti. Hawn nistgħu ngħidu li ntemm għal kollox iż-żmien tal-Qedem u jibda dak tal-Medjoevu, taż-Żmien tan-Nofs. Minn hemm 'l quddiem hija l-kitba dokumentata aktar mill-arkeoloġija li tibda ddawwal xi ftit il-ġrajja mlewna ta' missirijietna.

Wara did-daħla xieraq li nagħarblu x'wirt arkeologu jinsab fil-Mosta u fl-inħawi tagħha, wirt li waslilna miż-żmenijiet imbiegħda li tħaddidna dwarhom. Nibdew bil-fdalijiet Prejistoriċi.

### A. Żmien Neolitiku u Dak tar-Ram (c. 5000 – 2500 Q.K.)

Ta' Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar (Neolitiku) (c. 5000 – 4100 Q.K.) ma jidher li għandna xejn fil-Mosta. Dal-bniedem bikri għammar f'għerien bħal Għar Dalam u skond Lewis (1977, pp. 12–19) f'għerien bħal dawk tax-Xemxija, ta' Għar il-Kbir, Għar in-Ngħaġ, il-Latnija u Għajn Abdul, Għawdex. Jista' jagħti l-każ ukoll li l-għerien kbar li nsibu kull naħa ta' Wied il-Għasel setgħu kienu huma wkoll il-kenn tal-bniedem bikri f'Malta. Studju xjentifiku biss jista' jgħidilna xi ħaġa dwar dan.

Ta' Żmien ir-Ram (jew Żmien l-Imqades kif isejjaħlu Bonanno, 1987) insibu xi ħaġa żgħira fl-

inħawi tal-Mosta. M'għandniex l-imqades megalitiċi sbieħ li nsibu fl-inħawi ta' Raħal Ġdid/Ħal Tarxien jew il-Ġgantija f'Għawdex. Lanqas għandna mqades iżgħar bħal dawk Ta' Ħaġrat fl-Imġarr jew dawk Tal-Qadi f'Burmarrad. Jista' jkun li l-"Ħaġar Megalitiku" li jirreferi għalih E.B. Vella (1972-86, p.18) hu ta' Żmien ir-Ram. Jgħidilna Vella:

*"... l-isbaħ ħajt megalitiku ta' 50 pied tul tlifnieh għal dejjem. Il-professur N. Tagliaferro qal illi dan il-ħajt sabiħ kien f'Misraħ Għonoq u ġie mkisser meta kienu qegħdin jagħmlu l-fortizza"*

Biss jista' jkun ukoll li ħajt megalitiku bħal dan kien ta' Żmien il-Bronż. Għalkemm imqades m'għandniex fil-Mosta jista' jkun li l-ħaġar megalitiku li naraw illum fl-għelieqi fil-bidu tal-Mosta "bypass" qrib il-Knisja ta' Sant'Andrea hu fdal ta' xi maqdes ta' Żmien ir-Ram. Hawn ukoll xieraq li jsir tiftix arkeoloġiku u mbagħad wieħed jara.

F'dawk li huma oqbra fil-blat taż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu ukoll jidher li ma għandniex wisq. Evans (1971, p.28) isemmilna l-qabar fil-blat fil-Busbisija li nstab fl-1928-29. F'dan il-qabar kien hemm fdalijiet ta' ħames skeletri u xi fuħħar, kollha fi stat ħażin ħafna minħabba l-umdità. L-għadam sar tista' tgħid trab kif ittella'; il-fuħħar studjawh u sabu li kien tal-fażi tal-Ġgantija (c. 3600 – 3000 Q.K.). Evans isemmi wkoll qabar ieħor f'Ta' Vnezja (li bħal Busbisija jitfagħha mal-parroċċa ta' l-Imdina) li nstab f'Marzu 1936 meta kienu qegħdin jaqilgħu l-ħamrija ħalli jsir il-mitjar ta' Ta' Qali. Il-qabar kien fi stat ħażin ħafna iżda l-għadam immermer deher li kien ta' tnejn min-nies, wieħed adult u ieħor għadu tifel. Il-fuħħar li nstab deher li kien jixbaħ lil dak li nstab fl-Ipoġew ta' Raħal Ġdid.

L-istess kittieb (1971, p.37) isemmi wkoll post f'Torri Falka li kien tkixxef dwaru Temi Zammit u xi oħrajn fl-1927. Instabu fdalijiet preistoriċi f' kwantità ta' trab u ħamrija li x'aktarx inqalgħu minn qiegħ għar li nqered meta kienu qegħdin jinbnew il-fortifikazzjonijiet tal-Victoria Lines fl-1887. Għadam ma nstabx. Il-bċejjeċ tal-fuħħar li llum jinstabu fil-Mużew Arkeoloġiku nstabu li huma tal-fażi ta' Tarxien (c. 3000 – 2500 Q.K.). Ta' min igħid illi nstab ukoll f'dan il-post fuħħar ta' Żmien il-Bronż. Instabu wkoll fdalijiet ta' oġġetti bħal magħżel tat-tafal, flieli taż-żnied, għamla ta' sikkina u ħwejjeġ oħra. Sejba tassew interessanti.

**B. Zmien il-Bronż (c. 2500 – c. 7000 Q.K.)**

Ta' dan iż-żmien fil-Mosta nsibu mhux ħażin xi jfakkarna. L-ilsien ta' art fejn illum insibu l-Fortizza jidher li kien imgħammar min-nies ta' Żmien il-Bronż, għalkemm fuħħar ma nstabx x'aktarx imħabba l-qerda tewmija ta' l-erosjoni tan-natura u ta' l-inġinerija militari. (Trump, 1972, p.129)

Lewis (1974, p.32) jaħseb hekk ukoll. Wara kollox din il-biċċa art għandha ħafna mill-karatteristiċi ta' l-Imtarfa, tal-Qala ta' San Martin, tal-Wardija ta' Żuta, ta' Borg in-Nadur, tan-Nuffara u ta' Ċenċ f'Għawdex u ta' mkejjen oħra wkoll li lkoll taw xhieda tal-bniedem bikri ta' Żmien il-Bronż f'dawn il-gżejjer.

Ta' Żmien il-Bronż ukoll għandna fil-Mosta d-'dolmens' ta' fuq Wied Filep. In-nies ta' Żmien il-Bronż ma waqqfux imqades kbar megalitiċi bħan-nies ta' qabilhom iżda tawna 'dolmens' (ħaġar imsaqqaf, 'menhirs' (ħaġar wieqaf) bħal ta' Borg ta' l-Imramma f'Ta' Ċenċ, Għawdex. Fil-Gżejjer Maltin instabu skond Evans (1959, p.177) madwar għoxrin dolmen, fosthom dawk ta' Hammet fil-Magħtab, dawk tal-Bidni, fl-inħawi ta' Ħaż-Żabbar, dik ta' Wied Żnuber qrib Ħal Far, dik ta' Misraħ Sinjura fil-Qrendi u d-Dura tal-Mara f'Għawdex. Evans jaħseb li d-dolmens huma tal-fażi bikrija ta' Żmien il-Bronż, jiġifieri l-fażi taċ-Ċimiterju ta' Tarxien (c. 2500 – c. 1500 Q.K.). Ħadd ma jaf mija fil-mija għalfejn inbnew dawn id-dolmens, iżda skond Evans (pp.177-179) dan sar bħala

*"monumenti funerarji u xi darba kellhom difniet fihom. Iċ-ċokon ta' ħafna minnhom jagħmilha probabbli li d-dfin fihom kien krematorju (dfin ta' l-irmied tal-mejjet bħad-dfin li nstab f'Tarxien). "Dan jagħmel ukoll l-għejbien ta' kull traċċja ta' difniet attwali ħaġa aktar tiftiehem."*

Dwar iż-żewġ dolmens ta' fuq Wied Filep fil-Mosta, Evans (1971, p.196) igħidilna li dawn kienu nstabu mill-professur Napuljun Tagliaferro u tana deskrizzjoni tagħhom l-arkeologu Ashby fl-1913. L-ewwel dolmen u l-aktar li tolqtok kienet magħrufa, skond Ashby, bħala "il-għirna tal-blata." Bħalma osserva Tagliaferro, jidher li l-ħaġar ta' din id-dolmen inqata' mill-post stess, mis-sodda blat magħruf bħala tal-Qawwi ta' Taħt (lower coralline limestone). Id-dolmen l-oħra, wisq iżgħar mill-ewwel waħda, tinsab fuq il-majjistral tal-kbira. Evans igħid li din id-dolmen inqatgħet ukoll mill-blat iżda qatt ma ttellgħet sewwa fuq iż-żewġ ħaġriet tas-soltu bħal l-oħra. Temi Zammit fl-1930 kien qal li xi darba kien hemm għal anqas tliet dolmens f'dal-post. Fuq id-dolmen ta' Wied Filep kitbu wkoll, fost oħrajn, Zammit (1952), Trump (1972), Lewis (1977), Bonanno (1987) u m'għandniex xi ngħidu, Salamone



*Disinn ta' wieħed mill-44 qabar li jinsabu fl-inħawi ta' "Ta' Bistra" fil-Mosta. (Mill-ktieb ta' Buhagiar M., Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands)*



*Kanali tar-Roti fil-Mosta li tħaffru madwar 2,500 sena Q.K. fi żmien il-Bronż. Ma nafux sew x'kien l-użu tagħhom. (Ħajr: Victor B. Caruana)*

(1911) u Vella(1972-86). Xi wħud minn dawn il-kittieba jagħtuna wkoll ritratti ta' did-dolmen li wieħed ma jridx jinsa jgħid li kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha li nstabet f'dawn il-gżejjer.

Fil-Mosta u fl-inħawi ta' madwarha nsibu wkoll għadd ta' kanali mħaffra f'wiċċ l-art magħrufin bħala "cart-ruts" jew raddi tar-roti. Huma tassew 'misterjużi' kif jgħidulhom xi wħud. Għalfejn saru? Għadna ma nafux jekk hux biex iġorru ġebel, ħamrija, biegħa jew xi ħaġa oħra. Kif tħaffru lanqas ma nafu, lanqas nistgħu ngħidu sewwa meta nqatgħu jew tħaffru. Studjużi bħal Bonanno (1987) jidhrilhom li l-kanali tar-roti m'humiex ta' żmien preistoriku u huma marbutin mal-barrieri ta' Żmien il-Qedem. Issawwru biex jinġarru blokki tal-ħaġar. Studjużi oħra bħal Parker u Rubinstein (1984) jemmnu li l-kanali tar-roti (roti?) nqatgħu mill-Feniċi bil-għan li tinġarr il-ħamrija u jissawwru l-għelieqi. Iżda arkeoloġisti ewlenin bħal Evans (1959 u 1971) u Trump (1972) jemmnu li dawn il-"cart ruts" huma ta' Żmien il-Bronż u li fiż-żmien Puniku kien diġa' nqata' l-użu tagħhom. Hu x'inhu, ħadd ma jista' jgħid l-aħħar kelma dwarhom u naħseb li qatt m'hu se jkun jista' jiġri dan. Fil-Mosta nsibu raddi tar-roti f'Misraħ Għonoq, qrib il-Fortizza (Vella, 1972/86), fix-Xagħra tal-Wej, u sbieħ tassew dawk li nsibu fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel qabel taqbad San Pawl tat-Tarġa (Trump, 1972). Dnub tassew li dak li nsejħulu 'progress', bini bla rażan u qtugħ ta' barrieri tal-qawwi, qed jeqred x'uħud minn dawn il-gawhar tal-wirt arkeoloġiku Malti.

## ŻMIEN IL-QEDEM

### Żmien Feniċju-Puniku (c. 700 – 218 Q.K.)

Ta' dan iż-żmien ma nsibu l-ebda bini wieqaf fil-Mosta. U ma nistagħġbux b'dan meta fil-gżejjer Maltin kulma nsibu hu biss fdal ta' bini Puniku, illum feles mid-dar ta' l-arċipriet taż-Żurrieq. Iżda oqbra ta' dawn in-nies, oqbra Feniċi u oqbra Puniċi-Ellenistiċi (Buhagiar, 1986, pp.13-18) nsibu mxerrdin tista' tgħid ma' kullimkien. Fil-Mosta għandna minnhom ukoll.

Bażikament dawn l-oqbra huma magħmulin minn xaft li tinżel fih jew b'xi tarġiet weqfin jew b'toqob fil-blat għall-qabda tar-riġlejn. Fil-ħitan tax-xaft, imbagħad, insibu mħaffer qabar jew inkella tnejn. Ix-xaft kien x'aktarx jimtela b'ġebel u terrapien, jitgħatta b'xorok u jiġi ssiġillat sa difna oħra. Ta' sikwit oqbra bħal dawn insibuhom qrib ħafna ta' xulxin. X'uħud instabu saħansitra jinfdu ma' oħrajn. Fihom kien jitqiegħdu mal-mejtin ħwejjeġ tal-fuħħar, jew, xi drabi tal-ħġieġ. Oqbra aktar qrib lejna, dawk Puniċi-Ellenistiċi, naraw fihom qatgħat fil-blat fejn tistrieħ ras il-mejjet. Mill-bqija qajla sar tibdil f'dawn l-oqbra ta' Żmien il-Qedem.

Vella (1972/86, pp.26-38) jitkellem fit-tul fuq "Oqbra Puniċi" li nstabu fil-Mosta. Isemmilna qabar li nstab f'Jannar 1925 "huma u jkissru l-blat bil-furnella f'xagħra 'Ta' Grandi' maġenb S. Margerita." Jgħidilna kif "f'din il-biċċa tal-grigal tar-raħal hemm ħafna oqbra oħra." "Fuq ir-riħ tal-kappella ta' S. Margerita ... hemm żewġ xagħriet fejn fihom jidhru sitt oqbra." "In-naħa l-oħra ta' S. Margerita" issib "ukoll tliet spieri ta' oqbra oħra." Imbagħad "in-naħa tal-punent u l-majjistral tar-raħal" Vella jgħid li hi "miżgħuda b'dawn l-oqbra." "Jekk tgħaddi minn Sqaq Redusa u, wara li timxi 'l ġewwa ftit, tidħol fix-xagħra fuq ix-xellug għandek tiltaqa' ma' xi ftit minn dawn l-oqbra maqtugħin fil-qawwi." "Fl-istess biċċa xagħri jidhru l-uċuħ ta' żewġ spieri oħra waħda mdawra u l-oħra b'irkejjen." "It-tielet għalqa mal-ħajt tax-xlokk tal-knisja ta' l-Isperanza fil-faċċata tal-blat ta' taħt il-ħajt tas-sejjieħ, jidher qabar li mill-għamla tiegħu jidher li hu mill-bikrin. Dan huwa maqtugħ fil-franka u m'għandux ħlief ħofra fejn joqgħod il-mejjet il-għaliex billi mhux imħaffer taħt l-art ma kenitx meħtieġa l-bitħa jew spiera." "Fil-Wied, xi mitejn pass 'l fuq mill-Arkata ta' l-Isperanza (fi kliem ieħor lejn il-Ħanżira), fix-xaqliba tal-blat li tħares lejn il-majjistral, hemm ħamsa minn dawn l-oqbra maqtugħin fil-qawwi ..." "Jekk ... nibqgħu mexjin dawra ta' ħames minuti 'l fuq ma' qiegħ il-Wied niltaqgħu mas-sitt qabar ta' ġewwa l-Wied." "F'għalqa n-naħa l-oħra ta' l-Isperanza ... tidher bħal rokna mal-blat tal-franka tħares f'nofsinhar, fejn sibna qabar ieħor. Quddiem id-daħla hemm bħal wesgħa żgħira, fejn jidhru mibnijin żewġ filati ta' ħaġar imfarfar." "F'nofs it-triq ta' bejn il-pont u dak ta' San Ġużepp 'tat-Tarġa' hemm xagħra jgħidulha 'tal-Qares', fejn jidhru żewġ oqbra oħra, 'l bogħod ftit minn xulxin ..." "Fejn il-bidu ta' l-isqaq li hemm fuq il-lemin tal-fortizza ... qabel ma naqbdu r-rampa," Vella fl-1928 "sab qabar li, għad li huwa mill-imwaħħrin ta' dan iż-żmien li qegħdin nitkellmu minnu, m'għandniex bħalu fil-Mosta kollha, u ftit hawn fil-gżejjer tagħna ..." "F'nofs it-triq li mill-pont tax-xagħra ta' Wied Filep, aħna u telgħin it-telgħa naraw il-ħajt tat-triq ta' fuq ix-xellug jibda jogħla minn wiċċ il-blat. Meta jogħla daqs sular insibu taħtu qabar ieħor, li qiegħed fuq dak ix-xifer tal-ħajt tal-qawwi tan-naħa tan-nofsinhar tal-wied ..." Vella (p.37) jiddeskrivilna

dawk li huwa jsejħilhom "Ċimiterji Puniċi". Jgħidilna, "Fil-Busbesija, fir-raba tan-naħa l-oħra tat-triq ftit 'l fuq mill-knisja żgħira ta' Santa Marija 'Taż-Żejfi; jinsabu tlett ħotbiet tal-blat imżerżqin faċċata tax-xlokk li jidhru merfugħin mir-raba ta' madwarhom minn din ix-xaqliba kollha. Igħidulhom 'taż-Żejfi', l-Imgħanxaq' u l-'Ħotba tal-Modd'. Dawn laqtuna mill-bogħod u meta morna fuqhom iltqajna ma' ħafna oqbra qodma ... L-oqbra huma kollha miftuħin u ħafna minnhom imlewhom bil-ħamrija u ħawluhom bid-dwieli u bis-siġar."

Qabar illi ma jidhirlix li Vella tkellem dwaru hu dak li jsemmi Lewis (1974, p.34), qabar waħdieni b'imħaded għar-ras il-mejjet, imħaffer f'ħaġra kbira fuq ix-xellug int u tiela' lejn it-Torri Falka. Biss jista' jkun li dan mhux qabar Puniku iżda Ruman imwaħħar.

Naħseb qal sewwa Vella (p.26)

"id-distrett tal-Mosta kien imgħammar sewwa fi żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi kif jidher mhux mill-ġmiel ta' djar li semma Diodoru Siculo, għax dawn spiċċaw kullimkien, imma mill-kotra ta' oqbra li dawk li kienu jistgħu, ħaffru madwar ir-raħal. Dawn l-oqbra juru illi dawk in-nies li qatgħuhom biex jidfnu ġewwa fihom kieu jgħixu maġenbhom, il-għaliex dak iż-żmien ma kenux sejrin jimxu mili b'mejjet meta kienu jistgħu jħaffru qabar fl-eqreb xagħra jew għalqa."

Biex nagħlaq dwar l-oqbra Puniċi-Elleniċi, kelmtejn ta' sogħba. Diġa' fi żmienu Vella (p.37) jitħassar l-oqbra li ntilfu u nqerdu. "Ma nistgħux ingħidu kemm instabu oqbra oħra bħal dawn u li ma tawx kas tagħhom ..." U aktar qabel "... jkun dnub jekk xi ħadd imur imiss monumenti hekk qodma u sbieħ u li ma tagħmilhomx bil-flus." X'kien jgħid Vella llum kieku kellu jara kif ħafna mill-oqbra li kixef hu n-nifsu u li jfissirhomlna b'hekk ħeġġa u għożża fil-kitba tiegħu, inqerdu, kultant b'kapriċċ tal-mexxejja, periti u sidien ta' l-art, bil-qtugħ tal-mini u t-tlugħ tal-'pumping station' ta' l-Isperanza, bil-'housing-estate' ta' S. Margerita u b'bini ieħor, frott ta' l-hekk imsejjaħ 'progress'? J'Alla biss li l-ftit li fadlilna jintgħożż ma jintmessx u ma jinqeridx.

**Żmien Bikri Ruman (218 Q.K. – 395/535 W.K.)**

Billi fi żmien ir-Rumani, jekk mhux qabel ukoll, Malta kellha ċentru urban ewlieni, il-belt ta' **Melite** (Rabat-Mdina); billi l-inħawi tas-Salina ukoll jidhru li kienu ċentru Ruman (Bonanno, 1987 u 1992, p.25), seta' jagħti l-każ li l-Mosta, mhux bogħod miż-żewġ ċentri, kellha sehem relattivament importanti fil-ħajja Rumana f'Malta. Bonanno jsemmilna 25 villa mxerrda mal-kampanja Maltija li xi wħud minnhom biss jidher li kienu għal kollox residenzjali. Forsi d-dar Rumana li jsemmi Vella (1972/86, p.40) kienet waħda minn dawn il-'vilel'. Ħalli naraw x'jgħidilna l-kittieb Mosti:

*"Mal-ħajt ta' l-istess għalqa, imma ftit aktar lejn il-punent minn fejn instab dak il-qabar neolitiku taż-Żebbuġa (il-Busbesija) kienet tidher taħt il-ħajt tas-sejjieħ ringiela ħaġar daqsiex waħda maġenb l-oħra, u li kien qisu xi fdal ta' bini megalitiku. Wara li qlajna r-rieda ta' sid il-għalqa (il-Markiż D. Testaferrata Bonnici Għaxaq) id-Direttur tal-Mużew ħalla f'idejn il-kittieb biex jagħmel ix-xogħol ta' l-iskavi. F'Lulju 1929 bdejna x-xogħol u sibna pedament ta' dar li kien fiha faċċata ta' 64 pied u l-ikbar fond 17-il pied u mqassma fi kmamar żgħar waħda maġenb l-oħra. Il-ħaġar maqtugħ goff u mingħajr sengħa u biċċiet minnu kien imfarfar ġmielu għax fih tul ta' 4 piedi, b'2 piedi ħxuna u daqshekk ieħor għoli.*

*Kemm il-pjanta u kemm is-sura jagħmluha tidher qisha dar neolitika, imma ma' kull ma ltqajna fit-tħaffir kien xaqquf Ruman tard, u għalhekk kulma nistgħu ngħidu huwa li din id-dar kienet mgħammra fi żmien ir-Rumani, għad li ma għandna xejn minn dak il-ġmiel ta' bini u taqsim li kienu jafu jagħmlu dawk in-nies kbar u dawk li tgħallmu mis-sengħa tagħhom. Jista' jkun li ma kenitx ħlief xi razzett f'dawk iż-żmenijiet.*

*Ix-xaqquf Ruman li sibna fih disinji sbieħ, bħalma huma weraq tal-akantu, disinn ta' palmetti, ovuli, skroll, eċċ. Iltqajna ukoll ma' biċtejn flus tal-bronż, waħda Anġiojina u l-oħra Aragoniża, li kif wieħed jista' jara ntilfu hemm żmien sħiħ wara.*

*Hekk kif lestejna x-xogħol u ħadna l-intietef kollha li titlob ix-xjenza ta' l-arkeoloġija rdamna kollox u raddejna l-għalqa kif kienet fil-waqt li dak li sibna qegħdnih fil-Mużew tal-Belt."*

Mija fil-mija ta' 'villa' Rumana huma l-fdalijiet li għadna naraw illum qrib it-Torri Falka u li jidhirli jien għadu ma sarx tiftix xjentifiku dwarhom. Tassew tolqtok hi l-"calidarium" jew kamra taħt il-bini fejn kienu jkebbsu n-nar ħalli jisħnu l-kmamar ta' fuqha. Forsi, iżda, ma kienu Rumani xejn, iżda Puniko-Elleniċi l-"Oqbra" fiċ-"Ċens tas-Sqaq tat-Tuta (Strada Speranza)" li Vella kixef fl-1928 u li jagħtina deskrizzjoni tagħhom fil-ktieb tiegħu (Vella 1972/86, p.41)

Naħseb li dan li ġej hu marbut ma' 'villa' Rumana, waħda minn dawk l-irziezet il-kbar fil-kampanja li

barra għall-għixien tan-nies kienu jintużaw ukoll għall-biedja u l-aktar għat-tkabbir u l-iproċessar taż-żebbuġ (Bonanno, 1987, bla numri fil-paġni). 'Villa' bħal dawn insibu f'San Pawl Milqgħi, f'Ta' Kaċċatura f'Birżebbuġa, fiż-Żejtun u f'inħawi oħra.

Igħidilna Francesco Mangion f'"Il-Bidnija u l-Limiti tal-Mosta Llum" (Vella, 1972/86, pp.444-445):

"Dik il-ħâra li jisimha Bidnija u qegħda fil-Lvant ta' Ħad-Dragu għandha ħafna raba tajjeb u sal-ġenerazzjoni ta' qabilna – xi mitt sena ilu – kienet kollha saqwi. F'dil-parti kien hemm ħames egħejjun tal-ilma fosthom il-Għajn il-Kbira, li madwarha jinsabu l-irziezet tal-Bidnija. Dawn kienu jagħtu kwantitajiet ta' ilma u r-raba msaqqi kien jasal sal-ballutiet u r-roqgħa tas-siġar taż-żebbuġ li jissejjaħ iż-żebbuġ Bidni. Sa minn ċkuniti kont nismagħhom igħidu li dawn is-siġar għandhom żmien mill-passjoni ta' Kristu.

Dwar is-sena 1914 Gio Marija Buhagiar, bidwi tal-post, kien iltaqa' ma' sejba li turina li dan il-post kien ikkultivat sa mill-ibgħad żmenijiet. Għan-naħa tat-tramuntana ta' dik ir-roqgħa siġar taż-żebbuġ, maġenb il-ħarruba ta' ħdejn il-għar, dan il-bidwi kixef sejba li kienet tikkonsisti f'ġebla kbira tal-qawwi, magħsra taż-żebbuġ, vaska u tmien ħwat b'kanal taċ-ċomb minn wieħed għal l-ieħor. Maġenbhom ħafna ixqda tal-bnedmin u fañam ta' xi għadam maħruq. Taħt ġebla ta' għamla ta' lapida kien hemm tlitt irjus tal-bnedmin. Jingħad li impjegat tal-gvern, Tagliaferro, ġie jara din is-sejba u kellu miegħu lill-konslu Amerikan u sinjur Tedesk. Il-kanal taċ-ċomb ittieħed u l-bqija ntradam u għadu hemm.

Jien li qiegħed nikteb (Mangion), meta kont għadni tifel, kont għaddej mill-ħâra ta' Ħad-Dragu u raġel xiħ jismu Ġużeppi Sant, bil-fies f'idu, kien qed jaqla' ġebel ta' pedament. Dan qalli, "Hawn kien hawn knisja ta' San Nikola u dan hu il-pedament tagħha."

Mistoqsijiet u kummenti nħallihom għall-qarrejja. Dwar ir-roqgħa tas-siġar taż-żebbuġ li "għandhom żmien mill-passjoni ta' Kristu" li jsemmilna Mangion xieraq wieħed ikun jaf li Lewis ukoll (1977, pp.73-74) jikkummenta dwarhom. Jgħidilna, maqlub għall-Malti:

*"Fuq terrazz fil-Wied Riħana, taħt Ġebel Għawżara fuq ix-xifer tal-Bidnija, jinsab dak li jidher li hu amfiteatru ta' siġar kbar u xjuħ taż-żebbuġ illi jgħidu li għandhom 2000 sena jew aktar żmien. Dawn jinsabu fl-għelieqi tar-razzett tal-familja Buhagiar ..."*

Lewis jgħidilna li hemm b'kollox 23 siġra taż-żebbuġ minn dawn, kollha ġganti b'zokk oħxon daqshiex. Il-kittieb jikkonkludi illi :

*"... mhux għalhekk bla bażi li wieħed jaħseb illi s-siġar taż-żebbuġ xjuħ li għadna naraw jista' jkun li tħawlu fi żmenijiet neo-Puniċi-Rumani (300 Q.K. – 200 W.K.) x'aktarx minn komunità tal-post li kienet tgħix f'għadd mhux ħażin fuq il-għolja, kif jixhdu l-oqbra u l-bċejjeċ tal-fuħħar imxerrdin qishom ċagħak 'l hawn u 'l hemm."*

**Żmien Biżantin jew Ruman Imwaħħar (395/535 W.K. – 870 W.K.)**

Dan hu żmien li fih ifakkruna "l-għadd kbir ta' oqbra, ipoġea kollettivi u katakombi ta' tipoloġija magħrufa sewwa Nisranija mxerrdin mal-gżira kollha iżda b'konċentrazzjoni wisq aktar kemm kemm 'l barra minn **Melite**" (Bonnano, 1987, bla numru fil-paġni). Ma' dawn il-'hypogea' nsibu oħrajn b'għeliem Lhudin, xhieda li kommunità żgħira ta' Lhud kienet tgħix flimkien ma' dik Nisranija.

Fost l-ipoġea jew katakombi fl-inħawi tar-Rabat insibu dawk ta' San Pawl, ta' Sant'Agata, ta' Santu Wistin, tax-Xatba, ta' San Katald, taċ-Ċagħki, tal-Virtù, taċ-Ċawli, ta' l-Abbazija tad-Dejr, ta' Bir ir-Rieħbu u ta' Għar Barċa. Katakombi oħrajn insibuhom imxerrdin tista' tgħid f'kull naħa ta' Malta u Għawdex ukoll – f'Birżebbuga, Burmarrad, il-Gudja, il-Gżira, il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Luqa, il-Marsa, Marsaskala, il-Mellieħa, l-Imġarr, l-Imqabba, l-Imsida, in-Naxxar, Raħal Ġdid, il-Qrendi, San Ġiljan, San Pawl il-Baħar, Ħal Safi, is-Siġġiewi, Ħal Tarxien, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u m'għandniex xi ngħidu, fil-Mosta (Buhagiar, 1986, v-ix).

Vella (1972/86, pp.41-52) isemmilna u jagħti tifsira dwar l-"Oqbra tal-Familja": " ... fil-ġnien tat-Torri Kumbo" u dwar oħrajn f'Misraħ Għonoq, fix-xagħra ta' nofsinhar tal-Fortizza." Ifissrilna wkoll "il-katakombi" "ta' taħt il-ħajt tat-trunċieri" " li nsejħulhom tal-Fortizza" u "l-ikbar katakombi li nafu bih madwar il-Mosta (li) qiegħed fil-għalqa ta' Bistra" qrib San Ġużepp tat-Tarġa. Trump (1972, p.129) u Smith (1977, p.116 u pp.133-135) ukoll isemmulna u jagħtuna xi tifsir fuq uħud minn dawn l-ipoġea. Iżda l-espert dwar katakombi huwa Mario Buhagiar. Il-kittieb (Buhagiar, 1986, pp.293-313) ifissrilna bl-irqaqat kollha u b'xi disinn ukoll l-ipoġea kollha li nsibu fl-inħawi tal-Mosta, jiġifieri "Tal-Bistra" b'44 qabar,"Tal-Għammariet", ta'

"Misraħ Għonoq", ta' "Wied il-Għasel" u tat-"Torri Kumbo". Ħalli ngħid xi ħaġa dwar kull wieħed minn dawn l-ipoġea u nibdew bl-ikbar u l-isbaħ wieħed, dak "Ta' Bistra."

L-ewwel studjuż li semma dawn il-katakombi kien W. Vassallo li fl-1891 għamel disinn ta' wieħed mill-oqbra. Xi snin wara, Patri Manwel Magri ġibed ritratt tal-post kollu kemm hu, ritratt li mbagħad reġa' deher fix-xogħol ta' Becker fl-1913. Sena wara, Temi Zammit żar il-katakombi u ħażżeż xi noti dwarhom. Viżitatur aktar interessat fihom kien P.F. Bellanti li fl-1920 issuġġerixxa li jitnaddfu sewwa ħalli wieħed ikun jista' jistudjahom aħjar. Fl-1933, id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi għarraf lill-Mużew illi erbgħa mill-oqbra kellhom jinqerdu minħabba t-twessigħ tat-triq. Għalhekk instabet ix-xoqqa f'moxtha biex jiġu studjati l-oqbra kollha u jitniżżel kemm jista' jkun dwarhom. Inkiseb il-permess mingħand sid il-post u l-istudju sar minn C.G. Zammit. Saru pjanti dettaljati u r-rapport dwar dawn l-ipoġea xxandar fil-Bulettin tal-Mużew. Il-post imbagħad intelaq u tħalla żdingat u miftuħ għall-elementi tan-natura u għall-qerda tal-bdiewa u tan-nies li fettlilhom jersqu 'l hemm. B'hekk baqgħet issir ħsara lil dak l-imkien. Fil-ħarifa ta' l-1982 thedded saħansitra l-eżistenza nnifisha ta' dawn il-katakombi meta kien hemm il-ħsieb li tgħaddi 'by-pass' li tgħaqqad it-toroq tal-Mosta u r-Rabat ma' San Pawl il-Baħar. Id-Dipartiment tal-Mużewijiet għamel minn kollox biex iħares lil dawn l-ipoġea u b'hekk, nif nistgħu naraw illum, ma saritx ħsara, jew saret ħsara mill-anqas, lil dawn il-katakombi.

Hemm ħafna xi tgħid dwar dawn l-oqbra – dwar id-daħliet tagħhom, dwar it-tifsil tal-kmamar tad-difna, dwar l-imwejjed "agape" li nsibu fi tnejn minnhom u dwar xi fdalijiet ta' għadam u fuħħar li nstab fihom. Buhagiar ifisser kollox bir-reqqa (Buhagiar, 1986, pp.293-309).

Dwar l-ipoġea "Tal-Għammariet" nitgħallmu li dan inkixef u sar tiftix fuqu minn Patri Manwel Magri fl-1885. Dan il-katakombi, li llum tlifnieh għal dejjem, milli jidher kien jinsab qrib dak ta' Bistra, fl-inħawi ta' Targa Gap f'għalqa msejħa "Tal-Għammariet" fejn darba, fiż-Żmenijiet tan-Nofs, kien jinsab ir-raħal ċkejken ta' Ħal Dimech. Buhagiar jagħtina xi dettalji dwaru meħudin minn noti li ħalla Bellanti fl-1924 (Buhagiar, 1986, p.309).

L-ipoġew ta' Misraħ Għonoq, li illum jinsab ġol-fortizza, ukoll instab u ġie studjat minn Patri Manwel Magri fl-1885. L-aktar interess tiegħu hi l-mejda "agape" li tixhed bla tlaqliq li dan kien katakombi nisrani (Buhagiar, 1986, p.310).

L-ipoġew ta' Wied il-Għasel, mhux bogħod minn dak ta' Misraħ Għonoq, fih seba' oqbra maqtugħin f'għamla ta' bejn wieħed u ieħor nofs ċirku fil-ġnub ta' għar naturali taħt il-fortizza. Dan il-katakombi saritlu ħsara kbira minn id il-bniedem u jidher li f'xi żmien kien jintuża bħala għar troglodita, jiġifieri għall-għixien tan-nies. Interessanti hawnhekk wieħed isemmi għar ieħor fl-inħawi tal-Mosta, sewwa sew Għar Qasruna fl-Imselliet. F'dan il-għar troglodita, fejn għammru n-nies fiż-Żmenijiet tan-Nofs, għadna naraw xi qabar taż-żmien Ruman imwaħħar (M. Buhagiar, tagħrif personali lill-kittieb).

Fl-aħħarnett, dwar l-ipoġew ġot-Torri Kumbo insibu biss nota ċkejkna fil-"Museum Annual Reports" għall-1928-29. Jgħidilna r-rapport li dan il-katakombi "... li jintlaħaq minn għadd ta' tirġien, jikkonsisti fi tlett ikmamar, kull waħda għal żewġ iġsma, maqtugħin fil-ħxuna tal-ħitan. Il-fatt li ssib antikamra qabel tilħaq l-oqbra hu indikazzjoni ċara illi dan inqata' mill-Insara ..." (Buhagiar, 1986, p.311).

Ktibt daqsxejn fit-tul u b'irqaqat mhux ħażin dwar il-wirt arkeoloġiku li nkixef s'issa fil-Mosta u fl-inħawi ta' madwarha. Xi kixfiet ta' l-imgħoddi b'xorti ħażina tlifnihom għal kollox u għal dejjem; nittamaw li xi kixfiet fil-ġejieni jkomplu jitfgħu dawl imqar ċkejken fuq il-ġrajja mċajpra ta' ħajjet missirijietna. Ngħożżu bil-qalb u nibżgħu għal li fadlilna. Nifirħu u nitkabbru bli għandna, bil-wirt Mosti u bil-wirt Malti. ■

Riferenzi:


Bonanno A. **Malta: An Archaelogical Paradise,** (Malta 1987) no pagination.

Bonanno A. "Malta's Changing Role in Mediterranean Cross Currents; From Prehistory to Roman Times" in **Malta: A Case Study in International Cross Currents,** Eds Fiorini S., Mallia Milanes V. (Malta 1991), pp.1-12.

Buhagiar M. **Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands** (Great Britain 1986), pp. xxiii + 435.

Evans J.D. **Malta** (Ancient People and Places Series) (London 1959), pp.256

Evans J.D. **The Prehistoric Antiquities of the Maltese Islands. A Survey.** (London 1971)

Lewis H. **A Guide to the Remote Paths and Lanes of Ancient Malta** (Great Britain 1974), pp.65

Lewis H. **Ancient Malta: A Study of its Antiquities** (Great Britain 1977), pp.168

Parker R. ·

Rubinstein M. **The Cart-Ruts on Malta and Gozo** (Gozo 1984), pp.39

Salamone E.W. **Musta (Malta) Memories and Charms.** (England 1911), pp.28

Trump D.H. **Malta: An Archeological Guide** (London 1972), pp.171

Vella E.B. **Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha** miġbura minn E.B. Vella u oħrajn (Malta s.n.) 1972 (ie.1986), 704 pp. revised version of the original 1930 and of the 1972 editions updated to 1984.

Zammit T. **Malta: The Maltese Islands and Their History** (Malta, Third Edition, 1952) pp.437



*Eżempju ta' ġibjun imsaqqaf bil-ħnejjiet. Dan instab fi Triq il-Kbira, Mosta, il-Wata, meta sfrondat it-triq ftit ilu. (Ħajr: Victor B. Caruana)*



*Id-dolmen (ħaġar imsaqqaf) ta' fuq Wied Filep, Mosta. Fuq wara tidher in-naħa tal-fortizza fejn kienu joqgħodu nies ta' żmien il-Bronż. (Ħajr: Franklin Camilleri)*